MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

**Pjazza Menqa, Msida**
**Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424**
**www.msidalocalcouncil.com**

| | |
|---|---|
| **Riferenza:** | **Minuti tas-Seduta 24/K7/2014** |
| **Data:** | **It-Tlieta 25 ta' Novembru 2014** |
| **Post:** | **Uffiċċju Amministrattiv**<br>**Pjazza Menqa, Msida** |
| **Hin:** | **5.30 p.m.** |

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Sindku** | **Sna Margaret Baldacchino Cefai** |
| | **Kunsilliera** | **Sna Romina Galea**<br>**Sur Alan Abela Wadge**<br>**Sur Lino Bartolo**<br>**Sur Charles Selvaggi**<br>**Sur Maurice Agius**<br>**Is-Sur Emanuel Brincat** |
| | | **Is-Sur Matthew Mangion** |
| | **Segretarju Eżekuttiv:** | **Sna Marita Portelli** |
| | **Skużat** | **Dr Alex Sciberras**<br>**Is-Sur Matthew Agius** |

## AĠENDA

**Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tlieta 20 ta' Novembru, 2014. L-Aġenda kienet hekk:**

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 23/K7/2014**
2. **Materji mill-Minuti**
3. **Korrispondenza**
4. **Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet**
5. **Kumitat Amministrattiv tas-Swatar**
6. **Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru**
7. **Proġett tat-TM fl-Imsida**
8. **Affarijiet oħra jekk urġenti**
9. **Aġġornament**

**Seduta Numru 24/14**

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 23/K7/2014**

**1185 Materja 1131: Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li l-ammont li ser iħallas il-GreenPak tad-Domes huwa €40.00 kull 'dome' u mhux €30.00**

**1186 Il-minuti ġew approvati.**

**2 Materji mill-Minuti**

**1187 Materja 1110 – Is-Sur Selvaggi qal li għadda minn Triq Sant Andrija u ra boroż taż-żibel fil-parkeġġ. Intqal li l-kuntrattur għandu jiġi nfurmat biex il-ħaddiema ma jġemmgħux il-boroż taż-żibel fil-parkeġġi. Kien hemm diversi lmenti wkoll li fi Triq l-Irmiġġ qed jiġbor l-iskart kmieni. Intqal li l-Kuntrattur ġie informat diversi drabi biex ma' jkomplux jiġbru kmieni minn din it-triq.**

**1188 Materja 1111 – Fuq l-applikazzjoni ta' Censu Farrugia s-Sindku nformat lill-Kunsill li l-Perit iltaqgħa mal-Bord tal-KNPD u għandu jerġa jissometti l-applikazzjoni b'xi amendi zgħar.**

**1189 Materja 1115 – Fuq is-siġar li hemm quddiem il-Knisja ntqal li l-Kunsill qed jistenna l-permess mit-Tree Permitting (MEPA) biex dawn jinqalgħu u jitħawlu ħdejn il-Ġibjun.**

1190 **Materja 1118 – Is-Sur Brincat u s-Sur Selvaggi għadhom iridu jiltaqgħu ma' sid l-istabiliment Masquerade 'on site'. Intqal li permezz ta' fondi allokati għall-Proġett Lokalitajiet aktar Ħodor saret diġa l-korduna f'dik iż-żona.**

1191 **Materja 1128 – Fir-rigward tal-permess mitlub għall-Alighting Bay fi Triq l-Universita' s-Sur Selvaggi qal li l-permess mogħti lill-Kunsill jiskadi fl-aħħar ta' din is-sena. MTA għandhom jiġu kkuntatjati biex jiġl kkonfermat x'tip ta' permess hemm għax milli jidher aktar hija ta' residenza (jew long lease) milli tip ta' hostel għal student. Jekk dan ikun il-każ ma jikkwalifikax għal-Alighting Bay. Intqal li NSTS jikkwalifika imma dan ma' talabx. Is-Sur Bartolo rrimarka fuq iż-żibel għax qed ikun hemm diversi lmenti. Is-Sindku qalet li anke lmentat ma' l-istess sid li għandu blokka appartamenti fi Triq San Alwiġl minħabba li r-residenti kienu qed jonxru mal-wajrs tad-dawl. Is-Sur Selvaggi saqsa fuq l-ilma li jkun hemm fit-triq u jekk hux legali. Is-Segretarju qalet li tkellment mal-Pulizija u ntqal li kienu ser imorru biex jiċċekjaw u jagħtu 'warning'.**

1192 **Materja 1133 – Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq dan il-każ u s-Sindku nformatu li l-persuna li għamel l-allegazzjonijiet fuq is-sit eletroniku Facebook ċempel biex jiskuża ruħu u kellha tagħti risposta fuq jekk il-Kunsill hux ser ikompli bil-proċeduri legali jew le. Ġie deċiż li għandu jintalab jibgħat ittra lill-Kunsill fejn jiskuża ruħu ta' dak li ntqal u anke jippostja l-ittra fuq Facebook.**

1193 **Materja 1134 – Is-Sur Selvaggi ġie nformat li l-U-Bar li kien hemm fi Triq il-Makna tas-Serrar tneħħiet minn quddiem ir-rampa. Intqal li jekk ikun hemm xi problemi bil-karozzi jitilgħu fuq il-bankina, għandhom isiru U-Bars maż-żewġ naħat tar-rampa, mingħajr ma tiġi ostakolata r-rampa.**

1194 **Materja 1137– Fi rigward ta' Triq Santa Venera s-Segretarju nformat lill-Kunsilliera li qed tistenna risposta mingħand il-Guard and Warden fir-rigward tan-numru ta' inċidenti li saru f'dik it-Triq. Is-Sur Selvaggi qal li kellha tiġi kkonfermata mat-Transport Malta id-direzzjoni approvata minnhom. Is-Sur Selvaggi u s-Sur Brincat qablu li jekk it-TM tikkonferma li din hija one-way il-Kunsill għandu bżonn jagħmel tabella li tindika li meta jkun hemm l-għarar biss jingħata aċċess il-fuq. Is-Sur Maurice Agius issuġġerixxa li jekk jitneħħew tlett parkeġġi nevitaw li t-triq issir 'one-way' pero' ma kienx hemm qbil fuq dan.**

1195 **Materja 1139 – Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera fl-attivita' Kick with the Cops u qalet li tapprezza li jkun hemm attendenza mill-Kunsilliera, u anke għamlet appell biex jieħdu sehem fit-tim ta'**

**Kunsilliera li ser jilgħab logħba futbol kontra l-membri tal-Korp tal-Pulizija. Qalet li l-attivita' ser issir nhar it-Tnejn 8 ta' Diċembru fil-grownd tas-Sliema Wanderers f'Tigne u qalet li ser ikun hemm ukoll wirja mill-Pulizija, logħob tal-futbol tat-tfal u l-għoti tal-medalji (li ser jingħataw mill-Eċċ il-President ta' Malta) imbagħad ikun hemm il-logħob tal-kbar.**

1196 **Materja 1142 – Minħabba l-linji sofor quddiem ħanut fi Triq il-Baċir is-Segretarju kienet informata li kellha ssir spezzjoni pero' ser titlob risposta mingħand is-Sur Demarco. Intqal li fi Triq il-Baċir ukoll hem Reserved Parking Bay li suppost saret kaxxa bajda. Fir-rigward ta' Triq Victor Denaro intqal li għandha titnaqqas 'parking bay' (li ser issir M/C Bay) biex kaxxa safra quddiem garaxx issir skond id-daqs li huwa permess bil-liġi.**

1197 **Materja 1144 – Ġie diskuss li xi residenti fi Triq Mons Arturo Bonnici jixtiequ li ssir Sleeping Police. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni pero' ntqal li r-residenti jridu jiffirmaw li m'għandhomx oġġezzjoni li ssir.**

1198 **Materja 1145 – Is-Sur Maurice Agius qal li fl-14 ta' Novembru kien f'ħanut u xi ħadd ġibidlu l-attenzjoni li hemm persuna titma l-ħammiem u mar biex iwaqqaf dan l-aġir minħabba li persuna li tkun titma l-ħammiem fl-Imsida tkun qed tikser il-Bye Law. Hu qal li ġie mgħajar u li l-persuna kkonċernata qaltu "Basta tmur il-Prayer Group" u "Jekk intom għandkom l-allat jien ukoll għandi għand min immure". Hu qal li mar jagħmel rapport l-għassa. Intqal li l-persuna kkonċernata ukoll għamlet rapport l-għassa fejn akkużat lis-Sur Maurice Agius li ġie wara l-bieb tagħha biex jagħtiha qatgħa. Intqal li kienu ġieli kelmuha l-Pulizija, u anke kienet ġiet tgħajjat fil-Kunsill. Fuq l-ikel li jingħata l-ħammiem biex ma jkunux jistgħu jirriproduċu s-Segretarju tkellment ma' Dr Spiteri u intqal li hu ma jaħsibx li din hija l-aħjar soluzzjoni. Il-korrespondenza għandha tintbagħat lill-Kunsilliera. Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq is-servizz ta' dak li kien qed joffri li jaqbad il-ħammiem u ntqal li kien għamel żmien m'għadux joffri dan is-servizz. Fuq il-Proġett tal-Birdlife, fejn qed jiġi propost li jerġgħu jiġu ntrodotti il-Maltese Falcon fiż-żoni Urbani, ntqal li fl-Imsida ser jużaw l-Universita' (minħabba s-sigurta' kontinwa li hemm) u l-Kunsill ta' L-Imsida kiteb ittra ta' kollaborazzjoni għal dan il-proġett. Intqal pero' li qabel sentejn jew tlett snin oħra mhux ser ikun hemm riżultati minnu dan il-proġett.**

1199 **Materja 1155 – Fir-rigward tal-proposta li ssir il-Berġa fiċ-Ċentru Ċiviku ta' L-Imsida ntqal li l-Kunsill qed jistenna risposta fir-rigward tal-konferma li l-flus li jonfoq il-Kunsill fil-materjal li hem bżonn ikun hemm biex issir il-Berġa jiġu mogħtija lura lill-Kunsill. Is-Sur Bartolo saqsa jekk hix se titħallas kera. Intqal li hemm bżonn ukoll li ssir**

Partition fil-Computer Room, u li din kien ilu jinħass il-bżonn li ssir minħabba l-Librerija.

1200 Is-Sur Matthew Mangion daħal fil-laqgħa. (18:28)

1201 Materja 1164 – Is-Sur Agius qal li għandha ssir tabella 'No Heavy Vehicles' ħdejn il-Monument. Il-Kunsill qabel li din tintalab li ssir mit-TM. Intqal ukoll li l-Kunsill għandhu jagħmilha ċara li joġġezzjona li jsiru Billboards fiż-żona. Intqal li hemm Billboard quddiem il-Każin tal-Futbol li għandu jitneħħa għax huwa ta' periklu. Fuq dan il-Billboard għandhom jiġu nformati il-MEPA u t-TM.

1202 Is-Sna Romina Galea daħlet fil-laqgħa. (18:32)

1203 Materja 1178 – Is-Sur Selvaggi saqsa jekk l-ittra ta' fuq il-ġbir l-iskart kummerċjali ntbagħtetx u ġie nformat li din l-ittra għadha trid tintbgħat lill-Kumpaniji fl-Imsida.

1204 Materja 1179 – Is-Sur Selvaggi qal li t-tabella ta' No Entry fi Triq l-Imħallef Debono twaħħlet fl-art mal-konkrete li hemm. Is-Segretarju ser tiċċekja mal-Contracts Manager fuq fejn twaħħlet it-tabella.

1205 Materja 1180 – Is-Sur Selvaggi saqsa fuq Triq Achille Ferris u saqsa jekk hemmx rapport mill-Perit fuq din it-triq u dan ġie kkonfermat. Intqal li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni bl-Avukat imma intqal li l-ewwel għandha ssir laqgħa ma' sid l-art flimkien mal-Periti tal-Kunsill. Is-Sur Maurice Agius qal li hemmhekk kien hemm triq pubblika li kien jisimha Palm Street, imbagħad sid l-art bena il-garaxxijiet u għamel it-triq fuqhom. Hu qal li jista jġib d-dettalji ta' min kien s-sid l-oriġinali tal-garaxxijiet. Intqal li kienet iddaħlet applikazzjoni il-MEPA biex isir Supermarket fiż-żona u li l-Kunsill għandu jieħu dettalji tas-sidien minn dan il-permess.

1206 Materja 1181 – Is-Sur Selvaggi tkellem mas-Sur Brincat fuq d-double yellow lines li talab li jsiru fi Triq is-Sarg u s-Sur Brincat qallu li ma jistgħux isiru d-double yellow lines pero' qal li s-Sur Demarco kellu jagħmel xi sinjali tan-No Parking fiż-żona.

1207 Materja 1183 – Intqal li l-iStreet Naming Committee ma jistax iwieġeb dwar kif tinkiteb l-isem tat-Triq. Għandu jiġi ċċekjat il-ktieb ta' Fr Joe Calleja li kiteb fuq il-kotba tiegħu.

1208 Materji 1170 – Intqal li hemm parti nieqsa mill-isleeping police fi Triq Misraħ il-Barrieri u li anke fi Triq Balliju Gutenberg hemm parti mill-isleeping police nieqsa.

3 **Korrispondenza**

1209 Is-Sindku qalet li rċiviet ittra mingħand Brian Cardona mill-Kummissjoni Sports tal-Każin tal-Banda fl-Imsida fejn il-Kunsill intalab jikkollabora f'attivita' ta' Tournament ta' Snooker ma' din il-Kummissjoni. Il-Kunsill qabel li jikkollabora f'din l-attivita' u li l-ispiża m'għandiex taqbeż il-€100 u dawn ser jintużaw biex jinxtraw it-tazzi tar-rebbieħa (3). Is-Sur Selvaggi talab għal-rendikont tal-flus li l-Kunsill nefaq f'attivitajjiet b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqdiet ta' L-Imsida. Talab ukoll li l-Għaqdiet jiġu mitluba jagħtu informazzjoni lill-Kunsill, fil-bidu tas-sena, fuq l-attivitajjiet li ser ikollhom. Qal li mportanti ukoll li l-għaqdiet jippromovu s-sehem tal-Kunsill f'dawn l-attivitajjiet biex ir-residenti jkunu jafu bis-sehem tal-Kunsill.

1210 41/1393 – Il-Kunsill irċieva talba mill-Każin tal-Banda għall-kollaborazzjoni, bħas-snin l-imgħoddija, fil-Kunċert tal-Milied (li jiġi organizzat mill-Każin tal-Banda u mis-Soċjeta' tal-MUSEUM) u ġie propost li l-Kunsill joħroġ l-ammont li s-soltu joħroġ f'din l-attivita'. Is-Sur Brincat ma qabilx għax qal li hemm persuna li tgħin fl-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajjiet tal-Każin tal-Banda li qed jieħu xi kommixxin biex jaqla l-bandisti. Is-Sur Bartolo qal li l-Każin tal-Banda għandu kuntratt ma' persuna biex jaqla l-bandisti bħall ma għandhom każini oħra. Qal li dan iġib l-bandisti skont xi jkun talbu s-Surmast. Is-Sur Brincat ippropona li l-Kunsill ma jonfoqx aktar minn €200 f'din l-attivita'. Is-Sur Maurice Agius issekkonda u is-Sur Selvaggi qabel magħhom. Is-Sur Selvaggi qal li mportanti li kull darba meta l-Kunsill jirċievi proposta biex jikkollabora f'attivita' jkunu nformati dawn il-flus fejn ser jintefqu. Is-Sindku talbet li tkun taf kemm ingħataw is-sena li għaddiet. Is-Sur Bartolo ma tħalliex jivvota minħabba li hu membru tal-Kumitat tal-Każin tal-Banda. Huwa qal li mportanti li jekk ikun hemm ċirkustanzi simili, min ikun fil-kumitat tal-Futbol lanqas ikollu vot. Intqal li s-Sur Abela Wadge jista jkun m'għadux fil-Kumitat tal-Futbol.

1211 41/1402 – Inqrat l-ittra mis-Sindku dwar problem ta' parkeġġ. Intqal li l-persuna għandha tiġi nformata li dik iż-żona hija responsabbilita' tat-TM pero' li l-Kunsill jaqbel mal-punti li qajmet fl-ittra u li l-Kunsill diġa ġibed l-attenzjoni tat-TM fuq diversi problem fiż-żona u li din hija waħda minnhom.

1212 41/1345 – Is-Sur Matthew Mangion talab biex jara r-rapport fuq il-ġnien tal-Bandli. Hu qal li ż-żona mhix tinżamm nadifa u li l-fence reġa tqatta. Is-Sur Brincat qal li sa kemm jilħaq bniedem għandu jkun bil-ħadid jew tal-ġebel. Hemm ukoll toqba fil-fence tal-parti tal-bieb.

**Intqal li l-Floodlights għandhom jintfew fil-11pm, anke fis-sajf, għax kien hemm diversi residenti lmentaw fuq l-istorbju li jkun hemm minħabba li jibqgħu mixgħulin tard.**

**1213 41/1371 – Inqrat ittra mis-Superjur tal-MUSEUM fejn il-Kunsill intalab jikkolabora fl-attivita' ta' Lejliet il-Milied billi jkopri l-ispejjeż tas-Siġġijiet. Din l-ispiża tammonta għal-€125. IL-Kunsill approva.**

**1214 41/1403 – L-Aġenzija Żgħażagħ informaw lill-Kunsill b'mod uffiċċjali li l-Kunsill taż-Żgħażagħ intgħażel biex iwettaq il-proġett propost. Il-Kunsilliera ferħu lis-Sna Romina Galea li tattendi diversi laqgħat mal-Kunsill taż-Żgħażagħ. L-Aġenzjia Żgħażagħ ikkonfermaw li huma ser ikopru €2316.42 mill-ispejjeż u l-Kunsill iħallas il-bqija. Intqal li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil Youth Worker tal-Kunsill taż-Żgħażagħ.**

**1215 Is-Sur Brincat ħareġ mill-laqgħa (19.20)**

**1216 41/1392 – Fir-rigward ta' l-attivita' taż-Żgħażugħ tas-Sena organizzat mill-Kerygma s-Sna Galea iċċekjat fuq din l-attivita' imma qalet li ż-żgħażugħ/a li jkun innominat ikun irid qed jagħmel xogħol volontarju f'xi qasam reliġjuż. Is-Sur Maurice Agius qal li ser jistaqsi lil Jacqueline Grima biex tinnomina lil xi ħadd. Inġibdet l-attenzjoni li l-applikazzjoni tagħlaq nhar il-Ġimgħa.**

**4 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet**

**1217 Il-Pagamenti tal-Kunsill tressqu għall-approvazzjoni u ġew approvati.**

**1218 Is-Segretarju informat lill-Kunsilliera li l-ispiża tal-jerrycan thinner kien korret pero' qalet li l-jerrycan kien ta' 25 litru.**

**1219 Is-Sur Lino Bartolo informa lill-Kunsilliera li fi Triq Victor Denaro saret il-funtana u anke l-ħadid mal-pjanti u d-Dog Pan. Hu qal li hemm persuna għamja li toqgħod f'dik iż-żona li xtaqet li jsir madum bit-tappijiet fir-rampi biex isibha aktar faċli li jimxi f'dik iż-żona. Is-Sur Bartolo qal ukoll li żdiedet filata ġebel fil-Monument tal-Haddiem biex ikun jista jsir bil-ħamrija u siġar tar-Rand.**

**1220 Is-Sur Alan Abela Wadge u s-Sur Manwel Brincat daħlu il-laqgħa (19:27).**

**1221 Is-Sindku talbet lis-Sur Abela Wadge biex jattendi laqgħa, tal-Kick with the Cops, minflokha għax mhix ser tkun tista tattendi. Informatu**

**li l-laqgħa kienet ser tkun l-għada u pero s-Sur Abela Wadge qal li ma jkunx jista jattendi.**

**5 Kumitat Amministrattiv Swatar**

**1222 Is-Sur Mangion informa lill-Kunsill li saret laqgħa mar-Residenti tas-Swatar u li l-akbar problemi li ssemmew minn naħa ta' l-Imsida kienu s-St Martin's – parkeġġ bl-addoċċ u traffiku kkawżat mill-iskola u ntqal li l-Kumitat ser jipprova jikkordinah matul din is-sena. Qal li anke t-traffic management ser tkun priorita u li s-Sindku ta' B'Kara qalet li għandha ssir laqgħa mar-residenti fuq din il-materja partikolari u talab li anke s-Sindku ta' L-Imsida tkun preżenti (u anke xi kunsilliera jekk ikunu jridu jattendu) ħalli l-proġett jiġi eżegwit b'mod ħolistiku. Qal pero' li mhux ser isir ħafna tibdil mill-pjanti li kienu saru mill-Kumitat preċedenti. Is-Sur Brincat qal li nnota li hemm xi nies li qed jiġu jipparkjaw is-Swatar u l-Coach tiġborhom minn quddiem l-HSBC biex imorru x-xogħol.**

**1223 Is-Sur Mangion semma ukoll li r-residenti jixtiequ xi tip ta' Crossing / Pelican Lights fil-bypass biex ikunu jistgħu jaċċessaw l-iSptar u l-Universita. Is-Sindku qalet li l-Kunsill preċedenti kien għamel talba din it-tip ta' crossing u ġiet rifjutata, u anke da nil-Kunsill talab li din issir.**

**1224 Qal li fil-bidu tas-sena d-dieħla l-Kumitat ser ikun qed jaħdem biex jitwettqu t-talbiet tar-residenti.**

**6 Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru**

**1225 Is-Sindku qalet li reġgħet saret laqgħa oħra mal-Greenpak minħabba l-Bring In Sites u l-Kunsill qed jipprova jinnegozja prezz aħjar biex jinżammu l-BIS fl-Imsida (li mhumiex problematiċi) minħabba li issa ser ikollha titħallas kirja tal-bins. Is-Sur Brincat saqsa kemm ser jinbiegħu d-Domes u ġie informat li l-Greenpak ser jagħtu €40 ta' kull dome. Ġie ssuġġerit li titnaqqas BIS mis-Swatar minħabba li hemm tlieta qrib xulxin imma intqal li wieħed ikun irid jara kemm qed jintużaw qabel jiddeċiedi li jitneħħew minħabba li fis-Swatar jintużaw ħafna. Is-Segretarju ssuġġeriet li l-Kunsill jixtri l-bins flok iħallas kirja fis-sena u ġie deċiż li jintalbu kwotazzjonijiet.**

**1226 Intqal li saret laqgħa mal-Perit Julian Borg tat-TM li l-minuti tagħha ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha. Din il-materja ser tiġi diskussa fil-parti ta' l-Aġenda li jmiss.**

**1227 Il-laqgħa ġiet sospiża (19.45)**

## 7 Proġett tat-TM fl-Imsida

**1228** **Il-laqgħa kompliet (19.57)**

**1229** **Is-Segretarju qrat l-imejl li ntbagħtet mill-Perit Julian Borg bħala 'follow-up' tal-laqgħa li saret. Din l-imejl ser tkun miżjuda mal-minuti ta' din il-laqgħa.**

**1230** **Il-Kunsilliera qajmu dawn il-punti:**

**(a) Materja 1161 tal-minuti tal-laqgħa preċedenti – Il-Bankina ta' quddiem l-istabiliment Johnsons hija daqs inqas minn dik stipulata bil-liġi. Din suppost tkun 1.2m u għalkemm il-Kunsill ġie informat li ser titranġa dan għadu l-istess. Intqal li kellha titneħħa x-xifer ukoll.**

**(b) Il-Pelican Crossing li ser jintuża mill-istudenti għandhom ikunu linja dritta. Is-Sur Maurice Agius qal li ma hemmx biżżejjed wisgħa fil-parti tan-nofs biex jieqfu l-istudenti kollha li jaqsmu minn dak il-crossing. Huwa qal li anke jekk il-lights ikunu kordinati biex jikunu ħodor fl-istess hin, il-ħin li jridhu jibqgħu ħodor irid jitwal, minħabba li d-distanza li jridu jimxu żdiedet, u għalhekk it-traffiku ser ikun imwaħħal għal aktar ħin.**

**(c) Il-pożizzjoni tal-Pelican Crossing fi Triq Rue D'Argens hija problematika minħabba li ir-rampa saret quddiem bieb ta' individwu u li issa kull darba li joħroġ mid-dar tiegħu qed jinżel fuq rampa u mhux fuq bankina dritta. Intqal li t-TM ġew informati b'dan pero' qalu li ma jistgħux iċaqalquh minħabba li jkollhom jaqilgħu tan-naħa ta' l-Għassa ukoll. Is-Sur Maurice Agius qal li dawn iridu jiċaqalqu mhux biss minħabba din ir-raġuni imma anke minħabba li l-crossing huwa wisq qrib tal-Kantuniera. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qatt ma ġie nformat li dawk il-Pelican Lights kienu ser jintmessu. Intqal li fejn kienet qabel kienet tajba għal min kien qed juża wheelchair jew pushchair minħabba li kien qrib l-isqaq u kien hemm il-wisgħa. Il-Kunsill ikompli isostni li dawn għandhom jerġgħu lura fil-pożizzjoni oriġinali.**

**(d) Id-dwal tal-ġnien il-qadim għadhom mitfija. Is-Sur Bartolo qal li kkuntatja lit-TM diversi drabi fuqhom.**

**(e) Is-Sur Selvaggi qal li l-Bankina ta' quddiem l-Għassa hija maħruġa l-barra wisq u li tal-linja ser ikollha toħroġ il-barra ħafna mill-Bus Lane biex taqbeż din il-parti, mbagħad terġa tidħol fil-Bus Lane. Qal li l-proġett kollu jaħseb biex il-karozzi tal-linja jibqgħu għaddejjin mingħajr xkiel u hawnhekk din il-'flow' ser tinqata. Il-Kunsill qabel li jibqa jinsisti li din tinbidel.**

**(f) Is-Sur Selvaggi tkellem fuq ir-Residents Parking li m'għadux japplika (fil-weekends u fil-Public Holidays) fi Triq ix-Xatt ta' L-imsida. Qal li issa r-residenti ġew agħar milli kienu għax qal li mhux talli ma ġietx implementata Residential Parking Scheme imma li issa ser jingħataw tletin minuta ta' parkeġġ biss.**
**(g) Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill għandu jkun informat bl-'alternattiv' li qed isemmu għal-'footpath' li suppost għandu jsir mill-Pelican Crossing għal-ġnien tal-bandli. Qal li din għandha tagħti aċċess ukoll għan-nies b'diżabilita'.**
**(h) Is-Sur Selvagg semma il-maqrut li hemm fix-Xatt ta' L-Imsida li hemm il-parking bays fiha. Hu qal li ser isiru xi bollards. Intqal li għandhom isiru tabelli 'Parking Only for Light Vehicles' . Is-Sur Brincat qal li l-Kunsill għandu jibqa jsostni li l-kull tabella li nqalet terġa titwaħħal. Is-Sur Maurice Agius qal li vann ma jaqgħax taħt il-kategorja ta' Heavy Vehicles. Is-Sur Agius qal li għandha issir tabella bit-tunellaġġ. Is-Sur Selvaggi qal li tista ssir Residents Parking hemm, pero' s-Sur Agius qal li faċli jibdlu l-indirizz fuq l-Imsida.**
**(i) Is-Sur Selvaggi qal li tneħħiet iż-żebra crossing temporanju li kien hemm u li għadhom ma bdewx jaħdmu l-Pelican Lights il-ġodda. Intqal li n-nies qed jaqsmu minn fejn kien hemm iż-żebra crossing qabel u hemm periklu kbir. Sar qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni tat-TM immedjatament fuq din il-materja.**
**(j) Is-Sur Selvaggi qal li ngħata t-tieni passata ta' tarmac u allura għandha tiġi 'monitored' iż-żona ta' fejn is-Sur Maurice Agius kien ipprovda video bil-problemi ta' l-ilma li kien hemm li ma kienux qed iħallu aċċess għal min ikun għaddej minn hemm bil-mixi.**
**(k) Is-Sur Maurice Agius fakkar fil-calming measures li ġew mitluba ħdejn is-sofra.**
**(l) Intqal li madwar il-konki ser isir il-ħadid biex n-nies ma jafġux fil-ħamrija.**
**(m) Il-Kunsill ma' jistax jaċċetta li isiru crash barriers ħdejn il-Monument minħabba l-Festa, jew inkella xi inċident li jinqgħala. Jekk isiru l-crash barriers ma jkunx hemm aċċess għall-karozzi minn ħdejn il-monument.**
**(n) Fir-rigward tal-Valletta Only Lane s-Sur Selvaggi qal li il-Perit ikkonferma li l-aktar pjanta riċenti kienet qed tikkonferma li l-Valletta Only Lane ser tingħalaq. Hu qal li l-Perit ikkonferma li t-TM ma jsibux oġġezzjonijiet li tibqa miftuħa imma dak l-aħħar informazzjoni li għandu. Is-Sur Maurice Agius qal li skont iż-żebgħa li hemm ma' jidirx li ser tibqa magħluqa. Intqal li illum kienet magħluqa bil-bollards.**
**(o) Saret diskussjoni fuq il-ħruġ minn Triq il-Baċir għal Triq ix-Xatt tax-Xbiex minħabba li hem żewġ karreġjati traffiku flok tlieta u ser ikun hemm 'bottleneck'. Is-Sur Maurice Agius qal li skont iż-żebgħa jekk ikun hemm xi ħadd ħiereġ minn Triq il-Baċir tal-linja**

trid tħallih jgħaddi. Kif saret illum pero’ il-persuna li ħierġa minn Triq il-Baċir ma tistax timxi ħafna għax issib il-Bus Lane.

(p) Is-Sur Selvaggi qal li qed tingħalaq diversi drabi d-dawra li tagħti għal quddiem il-Monument. Qal li jġagħlu s-sewwieqa jitilgħu l-Pieta’. Qal li jispera li mhux se tibqa tingħalaq mingħajr avviż. Intqal li il-Puliżija qed jagħluqha u mhux it-TM. Is-Sur Brincat qal li għandna niktbu l-Kummissarju li jekk tkun ser tingħalaq il-Kunsill jiġi nformat.

(q) Is-Sur Brincat qal li ħdejn l-HSBC saret Loading/Unloading Bay imma din mhix ħdejn il-ħwienet. Is-Sur Maurice Agius qal li qalulu li għandha ssir Unloading Bay oħra. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi Loading/Unloading Bay bejn il-ħwienet u titneħħa dik li għamlu.

(r) Is-Sur Bartolo qal li ġnien għadu bla dawl, li St Joseph’s Drive hija l-unika triq f’Malta li ma fijiex dawl u li anke ħdejn l-Johnsons u l-AVIS ma hemmx dawl bħalissa.

1231 Is-Sur Manwel Brincat ħareġ mill-laqgħa (20.32)

8 Affarijiet Oħra Jekk Urġenti

1232 Is-Sindku informat lill-Kunsill li qed jiġi propost Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ġdid. Dan jismu Mark Aquilina, mill-Imsida u qed jistudja l-Junior College. Il-Kunsill approva.

1233 Saret talba minn sidien ta’ dar ta’ Anzjani ġodda li fetħet fi Triq il-Wied ta’ l-Imsida għal-żebra crossing fiż-żona u Reserved Parking għall-ambulanza. Sar qbil li jsiru l-applikazzjonijiet mat-TM.

1234 Inqrat imejl li bagħat is-Sur Matthew Agius minħabba li ma setgħax jattendi l-laqgħa għax ma jiflaħx. Xtaq li l-Kunsill jiġbor informazzzjoni fuq il-bankini ta’ ħdejn l-Universita’ biex dawn jitranġaw u jsiru r-rampi kif suppost. Is-Sur Selvaggi qal li Triq l-Imħallef Debono għandha bżonn issir b’mod urġenti. Sar qbil li l-Perit jintalab jagħmel rapport tax-xogħolijiet li jridu jsiru. Sar qbil li l-Kunsill jipprova jikseb xi  fondi għal dan il-proġett minħabba l-influss ta’ nies li jkun hemm f’dik iż-żona. Sar qbil li r-rampi kollha jsiru bit-tappijiet minn issa l-quddiem.

1235 Is-Sur Charles Selvaggi qal li tkellem ma’ persuna nieqsa mid-dawl li talab biex ikun hemm parkeġġ għan-nies b’diżabilita fiż-żona tal-ġnien ta’ Triq Victor Denaro. Sar qbil li l-Kunsill japplika għal waħda ‘communal’. Intqal ukoll li l-parkeġġ ta’ persuni b’diżabilita’ ħdejn il-Knisja tiġi 24 siegħa u mhux bil-ħinijet kif inhi fil-preżent. Il-Kunsill qabel.

1236 **Is-Sur Selvaggi qal li fi Triq il-Punent kien hemm persuna li applika għal-parkeġġ ta' persuni b'diżabilita li ma ġietx aċċettata. Ġie nformat li l-Kunsill ma joġġezzjonax għal dawn it-tip ta' permessi. Sempliċiment jagħti nformazzjoni fuq il-persuna u fuq iż-żona li tkun ġiet proposta l-parkeġġ.**

1237 **Is-Sur Selvaggi talab li jingħata feedback mit-TM fuq il-yellow lines li saru quddiem il-garaxxijiet fi Triq il-Mons Innoċenż Żammit.**

1238 **Is-Sna Galea qalet li fi Triq il-Kunċizzjoni hemm xi residenti li qed jagħmlu iż-żibel mal-ħajt u ma jidrux. Intqal li għandu jiġi nformat il-Kuntrattur.**

1239 **Is-Sna Galea qalet li l-Kunsill taż-Żagħżagħ għandu jiltaqa l-Ġimgħa d-dieħla biex jipprovaw ikomplu jsaħħu l-bond ta' bejniethom. Hi qalet li għadha trid tikkonferma d-data u l-ħin.**

1240 **Is-Sur Bartolo qal li t-triq ta' quddiem il-White Arrow u l-Masquerade hija two-way u hemm bżonn tabella biex tindika dan. Is-Sindku qalet li suppost meta jsir it-Traffic Management ħdejn il-JC ser isiru t-tabelli. Is-Sna Galea qalet li hemm tabella hdejn il-Blue Bar. Is-Sur Demarco għandu jintalab jiċċekja.**

1241 **Is-Sur Bartolo qal li hemm spuction dopja f'bankina fi Triq Achille Ferris u kanal biex jagħddi l-ilma li hija perikoluża. Għanda ssir gutter fuqha.**

1242 **Is-Sur Bartolo qal li fi Triq Żakkew hemm bankina għolja u rampa għolja ħafna u qal li aħjar isir taraġ. Intqal li għandha ssir diskussjoni ma' tal-Big Ben biex din tissewwa.**

1243 **Is-Sur Bartolo qal li hemm arblu fi Triq Victor Denaro (ħdejn tal-Kissaun) li għadu mitfi. Qal li għandna niktbulu fl-avukat lill-kuntrattur preċedenti jekk hemm bżonn.**

1244 **Is-Sur Bartolo qal li fuq il-proġett tal-Lokalitajjiet Aktar Ħodor ix-xogħol miexi u li jista jkun hemm xi dewmien minħabba l-proġett tat-TM.**

1245 **Is-Sur Abela Wadge qal li hemm xi persuni li qalulu li ma rċivewx l-ittri ta' l-ID Cards u lanqas l-informazzjoni mill-Greenpak.**

1246 **Is-Sindku qalet li ser jiġu organizzati diversi attivitajjiet fil-Milied. Dawn jinkludu Jum il-Libreriji (10.12.14), Kummiedja mill-Għaqda Ilħna Ferrieħa (13.12.14), L-ikla ta' L-Anzjani, il-Quddiesa ta' żmien il-**

**Milied li ssir bil-kollaborazzjoni ma' l-Imsida Sea Scouts, Drinks mal-Membri ta' l-għaqdiet u l-ikla tal-Kunsill u l-istaff. Il-Kunsilliera għandhom jirċievu aktar informazzjoni.**

**1247** **Is-Sur Bartolo qal li l-Kunsill m'għandux bandiera ta' l-Ewropa kbira li tista tittella fil-Festi Nazzjonali. Il-Kunsill approva.**

**1248** **Is-Sur Bartolo qal li hemm bżonn nixtru sett siġġijiet folding biex il-Kunsill ma jkollux għalfejn jikri kull darba. Għadhom jintalbu il-kwotazzjonijiet.**

**9 Aġġornament**

**1249** **Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-21:02.**

**1250** **Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir fis-19 ta' Diċembru minħabba l-Festi tal-Milied u l-ewwel tas-Sena u li wara ssir il-kxif ta' l-Irħama tas-Sindki u Bibita għall-membri ta' l-Għaqdiet ta' L-Imsida.**

**Approvati llum ____________________**

**Margaret Baldacchino Cefai**
**Sindku**

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**